MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Numru 707/2007

Il-Pulizija
(Sp Johan Fenech)
vs
Maria Claudette Camilleri, bint Anthony, imwielda Pieta' fid-9 ta' mejju, 1978
u
Anthony Theuma, iben Carmel, imwieled Rabat fit-23 ta' ottubru, 1969

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-26 ta' ġunju, 2007, b'diversi atti magħmulin f'diversi ħwienet, f'dawn il-Gżejjer, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. talli għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat fuq akkonti ta' terżi persuni, b'falsifikazjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlu dawk il-

pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dan l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. talli xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza;
3. talli b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq ieħor, ingann jew billi wrew xi ħaġa oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta’ ntrapriżi foloz jew ta’ ħila jew ta’ setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew biex qanqlu tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ ta’ Lm166.35 bi ħsara ta’ diversi sidien ta’ ħwienet; talli fl-istess data fil-fond numru 150, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġia –
4. malli saru jafu li xi ħaġa li kienet fil-pussess tagħhom kienet ħaġa misruqa jew ħaġa meħuda b’qerq jew akkwistat b’reat, naqsu li jgħarrfu lill-pulizija b’dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta kienu saru jafu;
5. meta sabu ħwejjeġ li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilfet, ma għarrfux bihom, fi żmien tlett tijiem lill-pulizija esekuttiva.
Lil **Anthony Theuma**, waħdu –
6. talli sar reċidiv b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-dati tal-11 ta’ frar, 1997, 7 ta’ frar, 2000 u 23 ta’ jannar, 2002.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ novembru, 2007 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-flus ġew mogħtija lura lill-persuna defrawdata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ frar, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' **Maria Claudette Camilleri**. Rat l-artikoli 183, 184, 308, 334A u 340Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.
Fil-konfront ta' **Anthony Theuma**. Rat l-artikoli 49, 50, 183, 184, 308, 334A u 340Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' 300 euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------